Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 344 / 2018

Il-Pulizja

(Spettur Nicholas Vella)

Vs

Rhian Zammit

Illum 20 ta' Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta, Rhian Zammit detentrici tal-karta tal-identita Maltija 111288M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar is-17 ta' Novembru, 2017 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer, f'San Pawl il-Bahar, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' flus għad-detriment ta' Benedetto u Teresa Attard, liema reat twettaq fuq persuna anzjana jew adult dipendenti u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 t' Awwissu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268, 269(g), 280(1) u 257 D(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 257D(2) tal-Kodici Kriminali u tal-artiklu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputata thallas lill-konjugi Attard s-somma ta' €20,000 li giet stabbilita bhala kumpens ghat-telf soffert minnhom permezz tar-reat li l-imputata instabet hatja dwaru. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sentejn ratejalment. Dan l-ordni jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwiex id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil imputata thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €660.81c rapprezentanti spejjez peritali.

Ordnat notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Rhian Zammit, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Awwissu, 2018, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tvarja u timmodifika s-sentenza moghtija kontra taghha fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Awwissu, 2018 fis-sens illi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza fejn sabitha hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u fejn ordnat li titpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin u fejn giet

ordnat li thallas is-somma ta' €660.81 spejjes peritali, tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn giet ordnata thallas kumpens lill-konjugi Attard fis-somma ta' €20,000 tramite pagamenti rateali billi tirriduci dan l-ammont ghal somma aktar ragjonevoli fic-cirkostanzi ta' dan iI-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravvju jikkonsisti mhux daqstant fl-ordni ta' kumpens izda biss fl-ammont likwidat mill-Qorti;

Illi l-appellant qieghdha tappella kontra l-ammont likwidat ta €20,000 bhala eccessiv ghar-ragunijiet segwenti:

1. L-ewwel Qorti rragunat li l-koppja Attard kellhom dhul ta' €2,400 fix-xahar li minnhom kienu jhallsu lil carer u ghal bzonnijiet taghhom ta' kuijum;

2. lkkalkolat ukoll li l-flus kienu bdew jonqsu minn Jannar 2017 sa Novembru 2017 cioe 11 il-xahar;

3. Illi kien ghalhekk li ifissat il-kumpens fis-somma ta €20,000.

4. Illi tali ragjunamenti huma erroneji ghas-segwenti ragunijiet:
    a) Illi apparti l-ispejjes personali taghhom u tal-helper Zammit, il-konjugi Attard kellhom spiza ohra sostanzjali u cioe dik ta' live-in carer ta' nazzjonalita filippina li kienet impjegata maghom full-time u addirittura kienet anke torqod ghandhom;
    b) Illi mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax li l-konjugi Attard kellhom dhul medju mill-kirjiet ta €2,400 fix-xahar;
    c) Illi anqas ma rrizulta minn meta bdew jigu nieqsa l-flus;

d) Anqas ma jaghmel sens li l-esponenta kienet tiehu dawk l-ammonti kbar ta' flus b'mod regolari u konstanti. Li kieku kien qed jigri hekk, tali nuqqas kien jigi notat f' perjodu ferm aktar bikri;

e) Illi fil-fatt fuq bilanc ta' probabbilta, it-tehid ta' flus kien isir f' ammonti zghar u difatti n-nuqqas gie notat wara diversi xhur;

f) Jinghad ukoll illi kumpens ta' €20,000 imqssam fuq hdax il-xahar igibmedja ta' €1818 fix-xahar. Certament ma tezisti ebda prova li l-appellanta kienet hadet daqstant ammont sostanzjali ta' flus kull xahar u ghal din ir-raguni biss wahedha, l-imsemmi kumpens ordnat jidher tassew ezagerat;

g) Illi wiehed ghandu jikkunsidra wkoll il-qaghda finanzjarja tal-esponenta. Illi ghalkemm huwa gustifikabbli li hija thallas certu ammont bhala kumpens ghall-konjugi Attard, fl-istess hin pero ma tistax timponi ammont ta' hlas li jkun impossibbli ghaliha li tonora.

h) Illi l-esponenta hija single mother b'tifel ta' 12 il-sena li qed trabbieh wahedha.

i) Illi inoltre jigi rilevat li minhabba dan iI-kaz hija tilfet l-impjieg taghha bhala *helper* u qieghdha fil-process li tfittex xoghol iehor bl-isperanza li l-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza ma sservix bhala ostakolu biex issib impjieg regolari;

j) Illi fid-dawl tas-suespost ghalhekk l-esponenta tosserva li l-ammont ta' kumpens fuqha impost huwa wisq ezagerat u kwindi ghandu jigi mnaqqas ghal wiehed aktar ragjonevoii tenut kont tat-telf realistiku tal-konjugi Attard u l-qaghda finanzjarja tal-esponenti.

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha;

Ikkunsidrat.

Illi dan hu appell limitat biss fuq il-punt jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta meta kkundannat lill-appellanta thallas lill-vitmi l-konjugi Attard kumpens fl-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000). Illi sabiex din il-Qorti tasal biex tara jekk l-ammont ordnat mill-ewwel Qorti bhala kumpens kienx wiehed gust fic-cirkostanzi tal-kaz, hija ghandha tezamina l-atti tal-process.

Quddiem l-Ewwel Qorti gie prezetat certifikat tat-twelid u fedina penali tal-appellanta. Xehed l-Ispettur **Nicholas Vella** li prezenta okkorenza, CD, stqarrija datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u stqarrija datata l-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) mmarkati bhala Dok.NV, Dok. NV1, Dok. NV2 u Dok.NV3 rispettivament.

Xehdu wkoll **Anton Cortis** li prezenta zewg dokumenti mmarkati bhala Dok. AC a fol 42 u Dok.AC1 a fol 43, **Moira Cortis**, **Jonathan Mizzi** li prezenta rapport a fol 59 immarkat bhala Dok JM wara li kien inhatar mill-Ewwel Qorti biex inizzel stills mis-CD esebit u mmarkat bhala Dok NV1, **Theresa Attard**, u l-Probation Officer **Maryrose Farrugia** li prezetant Pre-Sentence Report a fol 106 u mmarkat bhala Dok MF wara li l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza ghal pre-sentencing report. Xehed ukoll l-**Perit Richard Aquilina** li prezenta r-relazzjoni tieghu a fol 123 u mmarkat bhala Dok. RA ikluz ix-xhieda ta' Theresa Attard wara li gie mahtur mill-Ewwel Qorti sabiex jaccedi fuq il-post u jiddeskrivi fuq pjanta u permezz ta' ritratti fotografici l-lok minn fejn kien allegat li ttiehdu l-flus u fejn kienet qed tinzamm il-mobile camera deskitta.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti bdiet billi kkunsidrat li l-imputazzjoni ta' serq migjuba kontra l-appellanta kienet kkwalifikata bil-persuna, bil-lok u anke bil-valur. L-Ewwel Qorti kienet ordnat li l-appellanta thallas lil konjugi Attard is-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) li hi stabbilit bhala kumpens ghat-telf soffert minnhom permezz tar-reat li l-imputata instabet hatja dwaru u dan *ai termini* tal-artikolu 257D(2) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti ghaddiet biex tezamina abbazi ta' liema artikoli l-Ewwel Qorti fuq ammissjoni tal-appellanta sabet htija. Il-parti dispostittiva tas-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet tiprovdi kif gej:

'*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268, 269(g), 280(1) u 257D(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda bl- applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,* ***tpoggi lill- imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin****.*

*Inoltre` ai termini tal-artikolu 257D(2) tal-Kodici Kriminali u tal-artiklu 24 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata thallas lill-konjugi Attard s-somma ta'* ***€20,000 li qed tigi stabbilita bhala kumpens*** *ghat-telf soffert minnhom permezz tar-reat li l-imputata qed tinstab hatja dwaru. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sentejn ratejalment. Dan l-ordni jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.*

*Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il- perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwiex id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.*

*Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputata* ***thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €660.81c*** *rapprezentanti spejjez peritali.*

*Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.*

*Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill- Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.*'

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk filwaqt li ordnat kumpens ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) ghat-telf soffert permezz tar-reat li nstabet hatja l-appellanta, fost artikoli ohra abbazi ta' liema sabet htija, indikat ukoll l-artikolu 257D(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li:

'*meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati* *huwa aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux iżjed minn tlett elef euro (€3,000)*, *il-piena tkun dik ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin:*
*Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti f'dan is-Sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294 il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha.*' (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi meta xehed l-Ispettur Nicholas Vella fis-seduta ta' quddiem l-Ewwel Qorti ta' nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) mistoqsi:

'*Qorti: All right. Pero' inti lilek, x'gie mgharraf? Fhimtu imma x'ried jghid, inti, minn dak li nvestigajt u minn dak li rrizulta lilek sal-lum, sakemm qed tixhed, kemm kien l-ammont? Jew kemm jaqbez?*
*Xhud: L-ammont jaqbex l-elfejn u tlett mija (+2300).*
*Qorti: L-elfejn u tlett mija jaqbzu. Meta qed nghidu l-aggravju tal-valur, mhux ghax qabez il-mitejn imma ghax qabel l-elfejn.*
*Xhud: Ghax qabel l-elfejn...*'[1]

Quddiem l-Ewwel Qorti gew prezentati minn Anton Cortis fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) id-dokumenti mmarkati bhala Dok. AC u Dok. AC1. F'Dok AC a fol 42 hemm rendikont ghal perjodu ta' bejn Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) sa Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ta' dhul f'cash li l-konjugi Attard kellhom minn kirjiet kif ukoll flus kontanti li t-tifla Moyra u r-ragel taghha Tonio Cortis kienu jghaddu lill-konjugi Attard. Filwaqt li f'Dok. AC1, hemm lista ta' flus kontanti li nghataw mit-tifla tal-konjugi Attard, Moira u r-ragel taghha Tonio Cortis u il-modalita' ta' kif huma thallsu lura.

Skont ir-rapport tal-probation officer Mary Rose Farrugia a fol 107 et sequitur, senjatamant a fol 110 hemm provdut li '*Ms. Cortis tgħid li hi tifhem li Rhian hi single*

[1] Din il-Qorti qieghda tifhem li fit-transcript tnizlu l-kliem 'qabel' minflokk 'qabez'.

*parent u qed trabbi tifel waħedha u ma tixtieqx li l-problemi jkomplu jikbru iżda tixtieq lil-familja tiġi kumpensata l-flus misruqa li huma jikkalkulaw li huma madwar €20,000 f'sena.'*

L-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha qieset li '*ir-reat li tieghu qed tinstab hatja, igorr piena ta' massimu ta' 9 snin prigunerija*' u minkejja li l-Ewwel Qorti qieset il-provi migjuba rigwardanti d-dhul tal-konjugi Attard bejn Jannar u Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), meta giet biex ticcita l-artikoli abbazi ta' liema sabet htija, iccitat ukoll l-artikolu 257D(1)(b). Mill-provi kif ukoll mill-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti inkluz il-fatt li l-Ewwel Qorti ordnat kumpens ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) '*bhala kumpens ghat-telf soffert*', din il-Qorti qieghda tifhem li l-Qorti erronjament indikat l-artikolu 257D(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minflokk ma ndikat l-artikolu 257D(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn dan tal-ahhar ossia l-artikolu 257D(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghal meta l-ammont ta' hsara ikun aktar minn tlett'elef ewro (*€3,000)* u li piena ghalhekk tkun ta' prigunerija minn sentejn sa disa' snin.

Ghalhekk stante li jirrizulta li l-artikolu 257D(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie indikat erronjament, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk dan l-izball sollevat *ex officio* minn din il-Qorti iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u **<u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'</u>***. (Emfazi mizjuda);

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'</u>**[2] gie kkunsidrat li:

'*osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap.*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali numru: 336/2005)

*66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[3] gie kkunsidrat li:

'*Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield**[4]:

'*l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 85/2009)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)

*ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.'*

Kif gie kkunsidrat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[5] :

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[6] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[7] ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[8] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Ikkunsidrat;

Ghalhekk jirrizulta li l-izball sollevat *ex officio* minn din il-Qorti irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante li la darba jirrizulta li l-artikolu 257D(1)(b) jikkontempla reat rigwardanti valur ta' hsara u piena anqas minn dawk ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti ifisser li dan huwa bi ksur ta dak rikjest *ad validitatum* skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Qorti ghandha meta taghti sentenza kontra l-

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)
[8] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995

imputat tghid il-fatti li fuqhom ikun instab hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat.

In-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' mhux mittiefsa u ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u xejn aktar u konsegwentement l-appellanta trid titpogga mill-gdid fil-pozizzjoni li kienet immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.[9] Din il-Qorti ghalhekk qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravju mressaq mill-appellanta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

Tenut kont tal-eta' tal-konjugi Attard, din il-Qorti tissolecita lir-Registratur tal-Qorti sabiex din il-kawza tigi appuntata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-aktar fis.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[9] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield' deciza nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)